# Lectio Divina

## It-30 Ħadd
## Sena B

### Mk 10, 46-52

**U waslu Ġeriko. Hu u ħiereġ minn Ġeriko flimkien mad-dixxipli tiegħu u ma' kotra kbira ta' nies, kien hemm wieħed tallab agħma, jismu Bartimew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq**. **(.v.46)**

Ġeriko hija belt li tinsab madwar 25 kilometru 'l bogħod minn Ġerusalem. Kienet l-ewwel tappa mill-konkwista tal-poplu ta' Iżrael tal-Art Imwiegħda (ara Ġoż 6).

Probabbli li kien fi żmien l-Għid u nzerta li kien hemm ħafna pellegrini li kienu fi triqithom lejn Ġerusalem għall-festa tal-Għid (ara Mk 14,1). Ta' kull sena l-Lhud fil-Palestina kienu jmorru biex ifakkaru l-ħruġ tagħhom mill-Eġittu (ara Lq 2,41).

L-agħma kien jinsab f'dik it-triq li minnha kienu jgħaddu l-pellegrini. Minn naħa hemm il-folol tan-nies u min-naħa l-oħra hemm dan il-bniedem diżabbli, bilqiegħda f'sitwazzjoni ta' iżolament soċjali. Id-dixxiplu jrid jagħraf fih dawk is-sitwazzjonijiet mudlama minn ħajtu: li jrid ikun hu qabel l-oħrajn (ara 10,35-40)...

**"tallab agħma"**: jirċievi dak li l-oħrajn joffrulu. Ma jistax imexxi lilu nnifsu kif jixtieq hu. Anke Ġakbu u Ġwanni kienu tallaba: tal-popolarità, tas-suċċess, tal-poter..... F'kull tallab hemm 'it-tallab' għall-Imħabba vera, għall-veru Dawl (ara Ġw 8,12).

**"Dan, meta sama' li kien Ġesù ta' Nazaret, qabad jgħajjat u jgħid: 'Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!'" (v.47)**

**"meta sama' li kien Ġesù"** : Kellu widnejh miftuħa biex jisma' l-leħen : "Il-fidi mela, tiġi mis-smigħ" (Rum 10,17) ; "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu" (9,7) : huwa l-atteġġjament li jdaħħalna fit-talb.

**"qabad jgħajjat"** : dan il-verb juri kontinwità. Hija l-*awareness* tal-kundizzjoni tiegħu li, bħas-salmista, twasslu jgħid : "Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej ; isma' Sidi, il-leħen

tiegħi" (130,1-2). Kundizzjoni li timxi wara Ġesù hija li tagħraf li inti fil-bżonn u li jkollok ix-xewqa li tiġi megħjun : "It-talba tal-umli tinfed is-sħab u ma toqgħodx bi kwietha qabel ma tasal qrib il-Mulej" (Sir 35,17; ara wkoll Eż 2,23).

**"Ġesù"** : it-tifsira tal-isem Ġesù jagħtiha l-Anġlu lil Ġużeppi : "u int ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1,21). Kull min itenni dan l-isem isalva : "Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva" (Rum 10,13). Din ifissirha Pietru wara l-arrest : Imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4,12).

**"Ġesù, bin David" :** Hija l-ewwel darba li dan it-titlu huwa mogħti lil Ġesù. lfisser li Ġesù huwa mid-dixxendenza ta' David (ara Mt 1,1.20; Atti 3,20.34; Rum 1,3; 2 Tim 2,8), imma għal-Lhud għandu tifsira iżjed profonda: huwa l-werriet tal-wegħdiet t'Alla, ir-Re Messija li kellu jirrestawra l-Monarkija ta' David u jsaltan għal dejjem fuq Iżrael (ara 2 Sam 7,12-16; 1 Kron 17,11-15; Salm 89,21-38; Ġer 23,5-6). Ukoll, waħda mill-wegħdiet marbuta mal-miġja tal-Messija kienet li jinfetħu l-għajnejn tal-għomja (ara Is 29,18; 35,5; Lq 4,18). L-agħma Bartimew qed jara ħafna iżjed minn dawk ta' madwaru.

**"Kien hemm ħafna li bdew jgħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar beda jgħajjat: 'Bin David, ikollok ħniena minni!'" (v.48)**

**"bdew jgħajtu miegħu biex jiskot"** : Quddiem kull talba jitfaċċa l-għadu tagħna x-xitan li ma jridx li t-talba tagħna tasal quddiem "it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja meħtieġa" (Lhud 4,16).

Il-mixja wara l-Mulej trid tħabbat wiċċha ma' sitwazzjonijiet interjuri u esterjuri ta' tfixkil (ara 2,4; 7,27; 10,13). Dawk li huma mexjin wara Ġesù għadhom ma tgħallmux li l-ħidma tagħhom kienet li jressqu n-nies għand Ġesù flok li jbegħduhom minnu (ara 6,36).

**"imma hu aktar beda jgħajjat":** Bartimew, bħall-mara Sirofeniċja (ara 7,25-29), isir iżjed determinat quddiem kull tip ta' tfixkil. It-talba tiegħu tinbidel f'determinazzjoni li tibqa' tinsisti quddiem il-provi, u ssir iżjed perseveranti, bħalma kienet dik tal-armla quddiem l-imħallef biex issirilha ġustizzja (ara Lq 18,1-8).

Ġesù jisma' t-talba ta' Bartimew għax : "kull min isejjaħ isem il-Mulej jinħeles" (Ġoel 3,5; ara wkoll Atti 2,21).

Sa issa l-identità messjanika ta' Ġesù kienet miżmuma bħala sigriet (ara 8,30), imma mal-wasla qrib Ġerusalemm il-missjoni tal-Messija Sofferenti qed toqrob għall-milja tagħha u

"ma hemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn ma hu mistur jekk mhux biex jinġieb għad-dawl" (4,22).

**"Bin David, ikollok ħniena minni!" :** Għall-Orjentali, din it-talba hija arma qawwija kontra t-tentazzjoni. Hija talba mimlija umiltà.

**"Ġesù waqaf u qal: 'Sejħulu.' Huma sejħu lill-agħma u qalulu: 'Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek.'" (v.49)**

**"Sejħulu"** : Flok isejjaħ lilu direttament, Ġesù jitlobhom biex isejħulu huma. Dan il-verb jinsab tliet darbiet fl-istess vers. Ikbar ma kienet l-insistenza tal-agħma, ikbar kienet l-istennija ta' Ġesù li jiltaqa' miegħu.

**"Agħmel il-qalb!" :** Wieħed mir-rigali li jagħtina t-talb huwa l-kuraġġ : "Agħmel il-qalb, ibni ; dnubietek maħfura" (Mt 9,2) ; "Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja" (Ġw 16,33) ; "Agħmel il-qalb, binti ; il-fidi tiegħek fejqitek" (Mt 9,22).

**"Qum":** Dan huwa verb marbut mal-Qawmien. Jindika ħajja ġdida, frott tal-laqgħa personali ma' Ġesù.

**Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù. (v.50)**

Il-mantar kien iservi bħala għata mix-xemx qawwija u mill-kelsa tal-lejl u kien iservi wkoll biex iġorr fih il-ftit flus li kien jiddobba. L-agħma ħalla fil-ġenb dak li qabel kien joffrilu sikurezza : "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi ; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis" (Fil 3,8) ; "Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl" (Rum 13,12; ara Ef 4,22; Kol 3, 8-9; Lhud 12,1) Dan il-vers tal-agħma jfakkarna fl-ewwel dixxipli li "minnufih, ħallew ix-xbiek u marru warajh" (1,18; ara wkoll Lq 5,27) u fis-Samaritana li ħalliet il-ġarra (Ġw 4,28).

**"tajjar… qabeż fuq riġlejh… mar"** : Tliet verbi li juru sinjal ta' ħajja ġdida. Ma jgħidx 'neħħa' imma 'tajjar'; ma jgħidx 'qam bilwieqfa' imma 'qabeż'. Il-fidi tikkonsisti f'li tagħmel xi ħaġa iktar.

**mar ħdejn Ġesù." :** "tela fuq l-għolja u sejjaħ lejh lil dawk li ried. Huma resqu lejh" (3,13).

**"U Ġesù kellmu u qallu: 'Xi tridni nagħmillek? 'Li nerġa' nara, Rabbuni,' wieġbu l-agħma. " (v.51)**

Ġesù jagħmel l-istess mistoqsija li kien għamel lil Ġakbu u lil Ġwanni (ara 10,36). Jitlob lil Bartimew biex jesprimi l-fidi tiegħu b'mod konkret.

**"Xi tridni nagħmillek?":** Il-mistoqsija li kull qaddej jagħmel lil sidu.

**"Li nerġa' nara," :** Bartimew jirnexxilu jidentifika l-problema vera tiegħu. Ma kenitx il-fatt li kien tallab. Il-verb Grieg huwa ***anblepo*** li għandu żewġ tifsiriet : li 'nerġa' nara' jew 'li nħares 'il fuq'.

**Rabbuni" :** Titlu misjub f'San Ġwann fuq fomm Marija ta' Magdala meta tiltaqa' ma' Kristu Rxoxt (ara Ġw 20,16). Ma riedx sempliċament jgħid 'Rabbi', Mgħallem, imma 'Mgħallem tiegħi'. Il-laqgħa ta' bejn Ġesù u Bartimew issir għalhekk laqgħa profondament personali.

**" 'Mur,' qallu Ġesù, 'il-fidi tiegħek fejjqitek.' U minnufih raġa' beda jara, u baqa' miexi warajh fit-triq." (v.52)**

Ġesù jwieġbu bħalma kien wieġeb lill-mara bit-tnixxija tad-demm (ara 5,34). Il-verb ***sōzō,*** li jfisser kemm 'fejqan' kif ukoll 'salvazzjoni', huwa sinjal ta' dik is-salvazzjoni li Ġesù kien qed jitkellem dwarha matul it-triq (ara 8,35 ; 10,26.30).

**"baqa' miexi warajh fit-triq" :** Dan huwa verb fl-imperfett li juri mixja kontinwa u mhux ta' mument. L-agħma ma ħalliex lil Ġesù jitolbu jimxi warajh.